MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 127/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jonathan Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jonathan Bugeja talli fit-18 ta' Awissu 2006 u granet ohra qabel din id-data:

(1) Bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja li tippermetti t-tqeghid tal-imwejjed u siggijiet ai termini ta' l-artikolu [***recte*:** regolament] 15(1) ta' l-Avviz Legali [128] tat-2002 ghall-habta ta' 21.45 hrs barra l-istabbiliment Don Giovanni Bar li jinsab 37 Marina Street, M'Scala pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed u siggijiet barra l-ispazju permessi mil-licenzja;

(2) Dan ukoll bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzi ta’ l-istabbiliment li jipprovdi l-ikel (licence reference P/TL/B/56/99), artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409 skond l-artikolu [***recte*:** regolament] 23(1) ta’ l-Avviz Legali 128 tat-2002.

Il-prosekuzzjoni talbet li jekk l-imsemmi Jonathan Bugeja jinstab hati minn din il-Qorti, jigi kkundannat ihallas multa ai termini tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 43(1) u (2) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Marzu 2007, li permezz taghha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Jonathan Bugeja mill-ewwel imputazzjoni “fuq preskrizzjoni trimestrali” u lliberatu mit-tieni imputazzjoni “ghax ma tirrizultax”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fid-29 ta’ Marzu 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-imsemmi Jonathan Bugeja hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrieh u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li fis-seduta tal-11 ta’ Mejju 2007 id-difiza eccepiet in-nullita` tar-rikors ta’ appell;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Qabel xejn din il-Qorti sejra tittratta l-eccezzjoni sollevata mid-difiza ta-nullita` tar-rikors ta’ appell. Id-difiza qed issostni li l-appell intavolat mill-Avukat Generali huwa null peress illi, ghalkemm kien hemm zewg imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat u l-ewwel Qorti lliberatu minnhom it-tnejn, fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant ghandu aggravju wiehed biss li jikkoncerna l-ewwel imputazzjoni, cioe` dik li minnha l-appellat gie lliberat peress illi l-ewwel

Qorti qablet mad-difiza li kienet applikabbli l-preskrizzjoni trimestrali.

Issa, minn qari tas-sentenza appellata huwa evidenti illi l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq is-sottomissjonijiet tad-difiza, tant li ccitathom testwalment u ghaddiet biex tiddeciedi minnufih ezattament kif sottomess mid-difiza. Huwa wkoll evidenti illi hija lliberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni bhala konsegwenza tal-fatt illi kienet qed tiddeciedi li l-ewwel imputazzjoni kienet preskritta – u dan qed jinghad ukoll peress illi mill-atti ma jirrizultax illi nstemghu provi quddiem l-ewwel Qorti. Jigifieri l-liberazzjoni mit-tieni imputazzjoni, ghal xi raguni <u>inspjegabbli</u>, giet intrinsikament marbuta mal-liberazzjoni minhabba preskrizzjoni mill-ewwel imputazzjoni.

Ghalkemm l-appellant iddeduca aggravju wiehed dwar l-ewwel imputazzjoni biss – naturalment minhabba l-unika interpretazzjoni li seta' jaghti tas-sentenza appellata kif spjegat fil-paragrafu precedenti – it-talba saret ghar-revoka tas-sentenza appellata, cioe` s-sentenza kollha, u allura kemm in kwantu l-appellat gie lliberat mill-ewwel imputazzjoni kif ukoll in kwantu gie lliberat mit-tieni imputazzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti kien ikun ahjar kieku l-appellant ippreciza wkoll illi ma kienx qieghed jaqbel mad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li tillibera lill-appellat mit-tieni imputazzjoni. Ciononostante, minhabba l-fatt li, kif inghad, it-tieni imputazzjoni giet intrinsikament marbuta ma' l-ewwel imputazzjoni, u cioe` l-liberazzjoni minnha bhala konsegwenza ghal-liberazzjoni mill-ewwel imputazzjoni, jekk jintlaqa' l-aggravju ta' l-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni, ikun hemm ir-revoka kemm ta' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti dwar l-ewwel imputazzjoni kif ukoll ta' dak li ddecidiet dwar it-tieni imputazzjoni, jigifieri effettivament ir-revoka tas-sentenza appellata. Galadarba fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant talab it-thassir u r-revoka tas-sentenza appellata, dan ghalhekk ifisser li t-<u>talba hija redatta f'termini precizi legalment u zgur li ma twassalx ghal xi nullita`</u>.

Ghalhekk l-eccezzjoni tan-nullita' tal-appell sollevata mill-appellat ma tidhirx fondata u qed tigi respinta.

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali huwa li l-ewwel Qorti ma setghetx tillibera lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni fuq bazi ta' preskrizzjoni stante li l-perijodu sabiex l-imsemmija imputazzjoni tkun preskritta ma kienx ghadu ghadda. Skond l-appellant, l-azzjoni kriminali fir-rigward l-ewwel imputazzjoni taqa' bi preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali bl-gheluq ta' sentejn minhabba li n-nuqqas ta' osservazzjoni tad-disposizzjonijiet tar-regolament 15(1) ta' l-Avviz Legali 128/2002 igorr piena ta' multa ta' Lm50. L-appellant isostni illi, a bazi tal-gurisprudenza, l-ewwel imputazzjoni hija delitt u mhux kontravvenzjoni u ghaldaqstant it-tezi mressqa mid-difiza hija totalment infondata u zvijat lill-ewwel Qorti sabiex tapplika l-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali minflok l-artikolu 688(e) ta' l-istess Kodici.

L-appellant ikompli jghid li sa mill-1917, il-gurisprudenza nostrana sahqet li meta ligi specjali tonqos milli tispecifika n-natura tar-reati hemmhekk stipulati, cioe` jekk tali reati humiex delitti jew kontravvenzjonijiet, *"il criterio pratico indicato dalla dottrina e seguito nella giurisprudenza si locale che estera per distinguere i delitti dalle contravenzioni, e` appunto la qualita` della pena comminata, per i vari titoli di reato"* (**Azzopardi vs Mizzi**, Qorti ta' l-Appell, 9 ta' Novembru 1917, Vol. XXIII.i.570). Jghid ukoll illi sa mill-1944 il-gurisprudenza stabbiliet li "l-kriterju li jiddistingwi reat-delitt minn reat-kontravvenzjoni huwa l-piena komminata mil-legislatur ghall-htija li tkun (**Il-Pulizija v. Joseph Mifsud**, Qorti Kriminali fil-gurisdizzjoni ta' l-appell, 9 ta' Frar 1944)". Il-Kap. 409 u r-regolamenti maghmulin tahtu ma jistipulawx direttament in-natura tar-reati hemm stabbiliti, izda meta wiehed jara n-natura tal-pieni applikabbli ghal tali reati, u cioe` il-piena tal-multa u/jew dik ta' prigunerija, isib li dawn ir-reati huma reati-delitti u ghalhekk mhux soggetti ghal preskrizzjoni ta' tliet xhur.

L-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellat hija ghal ksur tar-regolament 15(1) ta' l-Avviz Legali 128 tas-sena 2002. Ir-regolament 23(3) ta' l-istess Avviz Legali mbaghad jipprovdi li: **"Kull persuna li tonqos milli**

**thares id-disposizzjonijiet tar-regolament 15(1) tkun hatja ta’ reat u tista’, meta tinsab hatja, tehel multa ta’ hamsin lira ghal kull ksur.”** Skond l-artikolu 7(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-multa hija wahda mill-pieni applikabbli ghad-delitti. L-Avviz Legali 128 tas-sena 2002 huwa maghmul bis-sahha ta’ l-artikolu 47 ta’ l-Att dwar is-Servizzi ta’ l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta (Kap. 409 tal-Ligijiet ta’ Malta). La l-Att u l-anqas l-Avviz Legali ma jispecifikaw li r-reati kontemplati fir-regolamenti maghmulin bis-sahha ta’ l-imsemmi Att ghandhom jitqiesu bhala kontravvenzjonijiet nonostante n-natura tal-piena applikabbli. *Ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus*. Ghalhekk, in vista tal-fatt li l-piena applikabbli ghall-ewwel imputazzjoni hija dik tal-multa, ir-reat hemm kontemplat ghandu jitqies bhala delitt u mhux bhala kontravvenzjoni. Konsegwentement l-azzjoni kriminali taqa’ bi preskrizzjoni bl-gheluq ta’ sentejn skond l-artikolu 688(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u mhux bl-gheluq ta’ tliet xhur kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

Fil-kaz in ezami l-appellat gie akkuzat li kkommetta r-reati addebitati lilu fit-18 ta’ Awissu 2006 u granet ohra qabel dik id-data. Mir-riferta esebita jirrizulta li gie notifikat fit-12 ta’ Jannar 2007. Dan ifisser li kienu ghaddew anqas minn hames xhur u ghalhekk entru l-perijodu preskrittiv.

Ghaldaqstant, u anke in vista tal-gurisprudenza citata mill-appellant u li din il-Qorti taqbel maghha, l-aggravju ta’ l-appellant jimmerita akkoljiment u t-talba tieghu kif dedotta ghar-revoka tas-sentenza appellata ghandha tigi milqugha. Pero`, in vista tal-fatt li ma nstemghux provi mill-ewwel Qorti u d-difiza talbet illi, f’kaz ta’ akkoljiment ta’ l-appell, din il-Qorti tirrimetti l-process lill-ewwel Qorti sabiex ikunu jistghu jinstemghu x-xhieda opportuni, effettivament dik it-talba sejra tintlaqa’ sabiex b’hekk il-partijiet ma jkunux privi mill-beneficcju tad-*doppio esame*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni sollevata mid-difiza tan-nullita` tar-rikors ta’ appell, izda tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali limitatament billi tiddikjara s-

sentenza appellata nulla u bla effett u, biex ma ccahhadx lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat l-atti tal-kawza lura lill-ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jinstema' u jigi deciz mill-gdid skond il-ligi wara li jinstemghu x-xhieda tal-prosekuzzjoni u tad-difiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------